MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1349/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**VS**
**CHRISTOPHER RYAN**
**JOSHUA SCERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Ryan ta’ 17- il sena, bin Mark u Sandra nee’ Grech, mwieled Pieta’ nhar it- 12 ta’ Gunju 1994, residenti 160, Flat 14, Triq Arcisqof, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 297494M;

Joshua Scerri ta’ 20 sena, bin Gaetano u Mary Rose nee’ Mizzi, mwieled Pieta’ fid- 19 ta’ Ottubru 1991, residenti 89, Flat 2, St Christopher Street, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 571991M;

Talli;

1) fit- 12 ta’ Dicembru 2011 ghall- habta tas-2.00pm, fi Triq San’t Orsola Valletta, ikkommettew serq ta’ gizirana tad- deheb minn fuq persuna ta’ Luigia Caruana, anzjana ta’ 81 sena liema serq huwa aggravat bi vjolenza u l- valur;

2) ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghall- imsemmija Luigia Caruana sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara;

3) lil Christopher Ryan wahdu, ikkommetta reat li ghalih hem mil- piena ta’ prigunerija waqt il- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza lilu moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D, datata 20 ta’ Settembru 2011.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma, fil-qosor, is-segwenti. Fit-2 ta’ Dicembru, 2011, fis-2.00pm, gewwa Triq Sant’ Ursola, il-Belt, Luigia Caruana kienet miexja fl-istess triq meta f’daqqa wahda giet aggredita minn tlitt guvintur li hatfulha gizirana tad-deheb minn ghonqha. Fil-vicinanzi ta’ fejn sehh l-incident, inzerta kien hemm CCTV camera ta’ terzi, u mill-filmat deher l-incident kollu hekk kif isehh. Minn dan il-filmat, il-Pulizija waslet ghall-imputat Christopher Ryan, u wara li ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, waslet ukoll ghall-imputat l-iehor, Joshua Scerri. It-tielet guvni nvolut fl-aggressjoni baqa’ ma giex identifikat, u allura l-Pulizija mexxiet din il-kawza kontra z-zewg imputati.

Mill-provi prodotti, izda, qed jirrizulta diskrepanza serja, li necessarjament twassal ghal konkluzjoni wahda. Jidher li r-reat sehh fit-2 ta’ Dicembru, 2011, izda d-data fuq l-imputazzjoni taqra t-12 ta’ Dicembru, 2011. Ghalkemm il-Qorti hi konvinta li dan hu biss *lapsus calami* da parti tal-Prosekuzzjoni, dan qatt ma gie korrett, ghalke,, kien hemm hin u opportunita’ ghal tali korrezzjoni, u ghalkemm kienu saru korrezzjonijiet u zidiet ohra fl-akkuzi, u kull darba inqrat l-akkuza mill-gdid, izda dejjem bid-data zbaljata. Ghalhekk, ghalkemm il-provi kollha jitkellmu fuq reat li sehh fit-2 ta’ Dicembru, l-imputazzjoni taqra 12 ta’ Dicembru. Din il-Qorti ghalhekk m’ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputati minn kull htija w piena. L-anqas hija mehtiega apprezzament tal-provi fil-mertu, minhabba f’dan id-difett kif indikat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 276, 276A, 279(a), 280(2)(3), 339(1)(d), 17, 23, 31, 467(2), 533, 28A, 28B, 28C, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------